# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 13 ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru: 324/2015 CSH**

**Wara l-ittra ufficjali tas-6 ta' Ottubru, 2015 (Nru. 2490/15) ipprezentat ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta mill-**

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054) f'isimha proprju u ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta u Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**vs**

**St. Georges Football Club**

**Rikors ta' Darren Scicluna fil-kwalita' tieghu ta' Segretarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' St George's Football Club u b'digriet tas-27 ta' Jannar 2016, Pablo Cachia Belli assuma l-atti minflok Darren Scicluna bhala Segretarju ta' St George's Football Club.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Darren Scicluna fil-kwalita' tieghu ta' Segretarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' St. George's Football Club u b'digriet tas-27 ta' Jannar 2016,

Pablo Cachia Belli assuma l-atti minflok Darren Scicluna bhala Segretarju ta' St George's Football Club tas- ipprezentat fis-26 ta' Ottubru 2015 fejn espona:

*"Illi bil-prezenti atti, l-esponenti qed jirregistra l-opposizzjoni tieghu ghat-talba maghmula mill-intimata fil-fuq imsemmija ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-pretensjonijiet dedotti fl-Ittra Ufficjali bin-numru 2490/15 datata 6 ta' Ottubru, 2015 minn Automated Revenue Management Services Limited huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi preliminarjament il-pretensjoni ghall-hlas dedotta minn Automated Revenue Managment Services Limited hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponenti St. George's Football m'huwiex fil-pussess tal-fond imsemmi fl-ittra ufficjali hawn imsemmija, u cioe' l-fond bl-indirizz Misrah Santa Margerita, Bormla stante li dan ilu li vvaka l-post mis-sena elf disa' mija sebgha u tmenin (1987) u ghaldaqstant m'huwiex legalment possibbli li t-talba ghal hlas tigi indirizzata lilu;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, dan il-fond hawn imsemmi gie mghoddi mill-Gvern lill-Kunsill Lokali ta' Bormla li ghadu sallum il-gurnata jaghmel uzu minnu, u ghalhekk kwalsiasi talba ghal has ghandha tigi indirizzata lill-inkwilin prezenti tal-fond;*

4. *Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghal fuq espost, il-Klabb tal-Football ta' St. George's ma kien halla l-ebda pendenzi ta' dawl u ilma meta huwa kien*

*ivvaka minn dan il-fond hawn fuq imsemmi u ghalhekk huwa m'ghandu jaghti xejn lil Automated Revenue Management Services Limited.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba kif dedotta fl-Ittra Ufficjali bin-numru 2490/15 bhala wahda infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.*

*Bl-ispejjez."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited (C46054) ipprezentata fit-18 ta' Novembru 2015 fejn eccepiet:

"Illi l-ammont indikat fl-ittra ufficjali 2049/2015 datata 6 ta' Ottubru 2015, huwa dovut jekk mhux fl-intier tieghu ghalinqas *in parte* mir-rikorrenti versu s-socjeta' intimata;

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mir-rikorrenti, is-socjeta' intimata umilment tirrileva li din ghandha tigi michuda, *stante* li l-kont ghadu attiv;

Illi bhala stat ta' fatt is-sid registrat tal-fond in kwistjoni hija r-rikorrenti u l-unika relazzjoni guridika li tezisti fil-kaz hija maghha u mhux ma' terzi, tajjeb li jinghad li s-socjeta' intimata qatt ma rceviet talba biex isir trasferiment, nonostante li St. George's Football Club qeghdin jiddikjaraw li tali fond m'ghadux propjeta' taghhom;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost is-socjeta' intimata titlob lil din il-Wisq Onorabbli Qorti jogghobha;

1. Tichad it-talba tar-rikorrenti;
2. Tiddikjara lir-rikorrenti bhala debitrici tas-socjeta' intimata;

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali 2490/2015 kontra l-istess rikorrent u bir-riserva tal-imghax kif dovut skon il-Ligi.

Rat in-nota tas-socjeta' intimata prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Gunju 2016 (fol. 24) li permezz taghha informat il-Qorti li l-partijiet waslu fi ftehim bonarju u ghalhekk is-socjeta' intimata talbet lil din il-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors. Gie rilevat ukoll f'din-nota li s-socjeta' intimata qed tassumi r-responsabilita' tal-hlas ta' l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni dwar it-talbiet rikorrenti ai fini tal-mertu pero' fl-istess waqt qed tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**